# KASTIG TA' DEJJEM

Wieġeb il-mistoqsijiet mingħajr għajnuna ta' ħadd:

## Mattew 25:46

**Skond Ġesù:** "U dawn imorru **fil-kastig ta' dejjem**..."

1. **Mistoqsija:** Temmen int, li *skond Ġesù*, hemm "kastig ta' dejjem?

   **Tweġiba:** **IVA LE**

## Rumani 12:19

"Maħbubin tiegħi, tagħmlux vendetta b'idejkom, imma agħmlu l-wisa' għall-**korla** ta' Alla, għax hu miktub: Għalija l-vendetta, jien inħallas, igħid il-Mulej"

2. **Mistoqsija:**

   Temmen int li Alla jagħmel "vendetta" u jinkorla?

   **Tweġiba:** IVA LE

## Lhud 10:30-31

"Għax aħna nafu 'l dak li qal: Għalija l-vendetta; jien inħallas, qal il-Mulej. U jarġa': Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-poplu tiegħu. Hi ħaġa **tal-biża'** li wieħed jaqa' f'idejn Alla ħaj."

3. **Mistoqsija:**

   Temmen int, li hi **ħaġa tal-biża'** li taqa' f'idejn Alla Alla?

   **Tweġiba:** IVA LE

## Rumani 11:22

"Qisu mela, it-tjieba u **l-ħruxija** ta' Alla: **ħruxija** għal dawk li waqgħu, u t-tjieba għalik jekk tibqa' fit-tjieba tiegħu; inkella int ukoll titqaċċat."

4. **Mistoqsija**:
   Temmen int li barra li Alla Hu mħabba, Hu **aħrax** ukoll?

   **Tweġiba**: IVA LE

**Lhud 12:29**

"Għax Alla tagħna **hu nar li jeqred**."

5. **Mistoqsija**:
   Temmen int li Alla "Hu **nar li jeqred**" ukoll għalkemm Hu mħabba?

   **Tweġiba**: IVA LE

**2 Korintin 5:10**

"Għax aħna lkoll jaħtieġ nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu; biex kull wieħed jieħu l-ħlas tal-ħwejjeġ li kien għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem, sew tajjeb, **kemm ħażin**."

6. **Mistoqsija**:
   Temmen int, li **l-ħżiena** sejrin jieħdu l-ħlas li ħaqqhom?

   **Tweġiba:** IVA LE

**Rivelazzjoni 20:12-15**

"...u sar ħaqq mill-mejtin fuq dawk il-ħwejjeġ li kienu miktubin fil-kotba, skond l-għemejjel tagħhom...u kull min ma nstabx miktub fil-ktieb tal-ħajja, **kien mitfugħ fil-għadira tan-nar**."

7. **Mistoqsija**:
   Temmen int, li hemm post għall-ħżiena msejjaħ "**għadira tan-nar**"?

   **Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 25:41

"Imbagħad igħid lil dawk li jkunu fuq ix-xellug: Morru minn fejni, ja misħutin, **fin-nar ta' dejjem, imhejji** għax-xitan u l-anġli tiegħu."

8. **Mistoqsija**:
   Temmen int, li l-ħżiena, skond Ġesù, imorru "fin-nar ta' dejjem?

   **Tweġiba**: IVA LE

9. **Mistoqsija**:
   Temmen int, li skond Ġesù, "in-nar ta' dejjem" huwa post "imhejji" għal ħżiena kollha, inkluż ix-xitan u l-anġli tiegħu?

   **Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 13:41-42

"Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u jiġbru mis-saltna tiegħu l-ħwejjeġ kollha li jfixklu, **u dawk li jagħmlu l-ħażen**. U **jitfagħhom fil-forn tan-nar**: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien."

10. **Mistoqsija**:
    Temmen int, li skond Ġesù hemm post għal dawk kollha li jagħmlu l-ħażen li Hu sejjaħlu "**forn tan-nar**"?

    **Tweġiba**: IVA LE

11. **Mistoqsija**:
    Temmen int, li skond Ġesù, f'dak il-post li Hu sejjaħlu "**forn tan-nar**" għal l-ħwejjeġ kollha li jfixklu u dawk li jagħmlu l-ħażen, ikun hemm "biki u tgħażgħiż tas-snien"?

**Tweġiba**: IVA LE

**Mattew 25:30**

"U ixħtu l-qaddej li ma jiswiex fid-dlamijiet ta' barra: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien."

12. **Mistoqsija**:
    Temmen int, li skond Ġesù, il-ħżiena se jkunu f'post ta' dlamijiet fejn ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien?

    **Tweġiba**: IVA LE

**Luqa 16:23-24**

"U f'post l-imwiet, waqt li kien **fit-tbatija** rafa' għajnejh, ...u għajjat, u qal: Missier Abraham, ikollok ħniena minni, ibagħat 'il Lażżru biex ibill tarf sebgħu fl-ilma, u jberridli lsieni; għax qiegħed **muġugħ** f'din **il-fjamma tan-nar**."

13. **Mistoqsija**:
    Temmen int, li skond Ġesù, r-raġel għani kien **fit-tbatija**?

    **Tweġiba**: IVA LE

14. **Mistoqsija**:
    Temmen int, li skond Ġesù, ir-raġel għani kien "**muġugħ**"?

    **Tweġiba**: IVA LE

15. **Mistoqsija**:
    Temmen int, li skond Ġesù, f'dak il-post kien hemm "**fjamma tan-nar**?

    **Tweġiba**: IVA LE

16. **Mistoqsija**:
    Lest int li tbiddel xi kliem milli qal Ġesù dwar dak ir-rakkont?

    **Tweġiba**: IVA LE

## Rivelazzjoni 14:11

"U d-duħħan tat-turment tagħhom jitla' dejjem ta' dejjem: u ma jkollhomx mistrieħ la bi nhar u lanqas bil-lejl..."

17. **Mistoqsija**:

Temmen int li meta xi ħadd ikun fit-"turment" dan ma jkunx konxju?

**Tweġiba**: IVA LE

18. **Mistoqsija**:

Temmen int li meta xi ħadd ma jkollux mistrieħ la bi nhar u lanqas bil-lejl ifisser li l-kastig jieqaf?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mark 9:43-48

"U jekk idek tfixklek, aqtagħha: aħjar ikun għalik li tidħol magħtub fil-ħajja, milli jkollok iż-żewġ idejn biex tmur l-infern (Gehenna), **fin-nar li ma jintefa qatt**: Fejn id-duda tagħhom **ma tmutx**, **u n-nar ma jintefiex**. U jekk sieqek tfixklek, aqtagħha: aħjar ikun għalik li tidħol zopp fil-ħajja, milli jkollox żewġ saqajn biex tintafa' **fl-infern** (Gehenna), **fin-nar li ma jintefa qatt**. Fejn id-duda tagħhom **ma tmutx**, **u n-nar ma jintefiex**. U jekk għajnek tfixklek, aqlagħha; aħjar ikun għalik li tidħol fis-saltna t'Alla b'għajn waħda, milli jkollok żewġ għajnejn biex tintafa' **fin-nar ta' l-infern** (Gehenna): Fejn id-duda tagħhom **ma tmutx**, **u n-nar ma jintefiex**: ."

19. **Mistoqsija**:

Temmen int, li skond Ġesù hemm post jismu "infern" (Gehenna)?

**Tweġiba**: IVA LE

20. **Mistoqsija**:

Temmen int, li skond Ġesù f'dak il-post jismu "infern" (Gehenna) id-duda tagħhom (tal-ħżiena) **ma tmutx in-nar ma jintefa qatt**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 23:14

"Ħażin , skribi u Fariżej, ipokriti! Għaliex tibilgħu d-djar tar-romol, u b'turija tagħmlu talbiet twal: għalhekk tieħdu **l-akbar kundanna**."

21. **Mistoqsija**:
Temmen int, li skond Ġesù hemm "kundanna akbar"?
**Tweġiba**: IVA LE

## Lhud 10:29

"Kemm **kastig aktar aħrax**, jidhrilkom intom, ikun ħaqqu min jitfa' taħt saqajh l-Iben ta' Alla..."

22. **Mistoqsija**:
Temmen int, li skond il-Kelma ta' Alla, hemm "**kastig aktar aħrax**"?
**Tweġiba**: IVA LE

23. **Mistoqsija**:
Temmen int, li jekk ma hemmx kastig fl-infern, kif igħallmu xi wħud, dan il-vers ikun bla sens, għaliex kif jista' jkun hemm "**kastig aktar aħrax**" jekk ma jeżisti ebda kastig?
**Tweġiba**: IVA LE

## Rumani 2:8-9

"Imma jerfa' l-korla u l-qilla għal dawk li ma jridu jisimu b'xejn; u jirvellaw kontra l-verità biex imbagħad joqogħo-

du għall-ħażen. **Tbatija u dwejjaq** għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen..."

24. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li skond Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, kull **ruħ** ta' bniedem li jagħmel il-ħażen se tkun fi **tbatija u dwejjaq**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Mattew 3:10</u>

"Il-mannara ġa tressqet ma' għerq is-siġra; u għalhekk, kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u **tinxteħet fin-nar**." (Ara wkoll Mattew 7:19)

25. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li skond Ġesù hemm min jitqaċċat jinxteħet **fin-nar**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

## <u>Mattew 3:12</u>

"Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu **b'nar li ma jintefiex**."

26. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li skond Ġesù, hemm **nar li ma jintefiex**?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

27. <u>**Mistoqsija**</u>:

Temmen int, li skond Ġesù, lin-**nar li ma jintefiex** qatt ma jista' jintefa?

<u>**Tweġiba**</u>: IVA LE

28. <u>**Mistoqsija**</u>:

Lest int li tgħallem li dak in-nar li ma jintefiex li tkellem dwaru Ġesù **ma jeżistiex**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 5:22

"Imma jiena ngħidlilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh. Jekk imbagħad xi ħadd lil ħuh igħidlu, 'Ġifa,' ikun ħaqqu l-kundanna tas-Sanhedrin; u jekk igħidlu, 'iblah,' ikun ħaqqu **n-nar ta' infern**."

29. **Mistoqsija**:

Temmen int, li skond Ġesù hemm **nar ta' infern**"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 13:40

"Mela bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha **fin-nar**, hekk isir fi tmiem id-dinja."

30. **Mistoqsija**:

Temmen int, li skond Ġesù fit-tmiem tad-dinja (żmien) il-ħżiena se jkunu mixħuta **fin-nar**?

**Tweġiba**: IVA LE

## Salm 11:6

"**Xita ta' ġamar, nar u kubrit, u riħ jaħraq** jagħmel fuq il-ħżiena: dan ikun is-sehem tal-kalċi tagħhom."

30. **Mistoqsija**:

Temmen int dan il-kliem?

**Tweġiba**: IVA LE

**Tinsiex li:**

“**Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli ’ll-bnedmin**.” (Atti 5:29).

**Tinsiex ukoll it-twissija:**
“Tħallu ’l ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t’Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.” (Efesin 5:6)

31. **Mistoqsija**: Lest int li **“tobdi aktar lil Alla milli ’ll-bnedmin?** IVA LE


**IPPREŻENTAT**
**MILL-KNISJA TA’ KRISTU**
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
website: www.churchofchristmalta.com


Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta’ qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.